MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 161/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Raymond Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gżejjer, nhar it-18 ta’ Jannar, 2003, u f’dawn l-aħħar tliet xhur qabel din id-data ġol-Mosta u partijiet oħra f’dawn il-Gżejjer

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u l-pjanta cannabis kolha jew biċċa minnha u dan bi ksir tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;
b) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi

din ir-raża u l-pjana cannabis kollha jew xi biċċa minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tal- imputat.

ċ) fl-istess data, lok u ċirkostanzi kkoltiva l-pjana cannabis u dan bi ksur tal- artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) f'Jannar 2002 fl-istess lok u ċirkostanzi kkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h) tal-Kap. 9, l-artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni maghmula kontra tieghu b'dan pero' li l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni w ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' €467, liema multa tista' tithallas b'rati ta' mitt Euro (€100) fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux filwaqt li lliberatu mit-tieni imputazzjoni.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant gie ddikjarat mhux hati tat-tieni imputazzjoni w thassar u tikkancella l-bqija tal-istess sentenza w minflok tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija tal-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant gie dikjarat hati stante illi dawn ma gewx ippruvati skond il-Ligi;
Illi r-referenza maghmula mill-Ewwel Qorti ghas-sentenza precitata kienet wahda skorretta f'dan il-kaz. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li fil-kaz ta' O'Neill ma kien ebda droga misjuba w allura ma kien hemm xejn li kellu jigi analizzat f'perizja, is-sitwazzjoni fil-kaz tal-appellant kienet opposta. Dan ifisser illi fil-kaz ta' O'Neill l-istqarrija tal-akkuzat kienet tikkostitwixxi l-ahjar prova dwar x'kienet is-sustanza involuta mentri li fil-kaz odjern l-ahjar prova f'dan is-sens kienet (u kellha tkun) l-analizi xjentifika ta' dak misjub u elevat. Dan in konkluzjoni jfisser illi d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet wahda mehuda bi ksur tar-regola kardinali illi l-ahjar prova ghandha dejjem tingieb u li provi sekondarji huma biss ammessi meta l-ahjar prova tkun kanenti izda mhux minhabba xi nuqqas jew zball tal-prosekuzzjoni;
Illi l-piena nflitta kienet eccessiva w dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell u jekk ikun il-kaz wara li din il-qorti tisma' xiehda li talvolta jistghu jigu prodotti ghal dan l-iskop.

Ikkunsidrat :

L-appell tal-appellant huwa principalment dwar il-piena w imsejjes fuq l-argument illi llum l-appellant irriforma ruhhu, m'ghadux jiehu droga, u li fi zmien ir-reat kien ikkoltiva l-kannabis ghall-uzu personali tieghu. In sostenn ta' dan l-argument l-appellant sejjah lil Miriam Sevasta biex tixhed dwar il-progess illi ghamel. Irrizulta illi Miriam Sevasta, bhala probation officer, taf lill-appellant sew u baqa' jzomm kuntatt maghha minn jeddu.

Wara s-sentenza l-appellant issepara minn ma martu u t-tifel gie jghix mieghu, rrizulta li dejjem kellu impjieg stabbli u responsabbli u l-kampjuni ta' l-urina dejjem kienu negattivi.

Sevasta kienet ta' l-opinjoni illi piena karcerarja ghall-appellant kien ikun detriment ghalih.

Fuq din ix-xhieda d-difiza bniet l-argument taghha, fis-sens illi llum l-appellant kien bniedem responsabbli, kemm ghat-tifel tieghu kifu koll ghas-socjeta`, w kien se jkun ta' dannu kbir fil-konfront tieghu jekk tigi applikata l-ligi.

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti hi marbuta bil-ligi u ma tistax ma tapplikahix.

Minkejja illi l-appellant gie misjub hati ta' pussess semplici l-piena karcerarja hija tassattiva w il-Qorti ma tistax tmur oltre.

Jekk l-appellant verament irriforma ruhhu tant ahjar ghax dan se jkun ta' beneficcju ghalih, ghat-tifel tieghu u ghas-socjeta` w tajjeb illi ghandu impjieg stabbli u responsabbli. Pero` kulhadd hu responsabbli ghall-agir tieghu.

L-appellant fiz-zmien indikat fl-akkuza ghazel *di libera scelta* illi jkabbar il-kannabis u din ma kienitx l-ewwel darba illi ghamilha, kif jirrizulta mill-istess stqarrija tieghu.

L-Ewwel Qorti hadet dan in konsiderazzjoni kif ukoll ir-rapport tal-probation officer fejn ukoll hemmhekk irrakomanda l-hniena peress illi l-appellant kien gab ruhhu tajjeb u ma kienx jimmerita` illi jmur il-habs.

Il-Qorti pero`, marbuta kif inhi bil-ligi, ma setghetx taghmel mod iehor u kkundannat lill-appellant piena ta' prigunerija ghal sitt xhur illi hu l-minimu kontemplat fil-ligi.

Din il-Qorti thoss ukoll illi ma tistax taghmel mod iehor. Ladarba idejha huma marbuta, b'dettami tal-ligi, illi ma jistghux jigu interpretati jew miftehma mod iehor, trid allura tikkonferma l-ewwel sentenza. Irrizulta li dina hija ragonevoli u legalment korretta.

Issa hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti f'dan l-istadju ghamlet dan l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-ewwel decizjoni kienet ragjonevoli u legali u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------